KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

**L-Erbgħa, 14 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur Ivan Abela Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Karel Zahra | Kunsillier |
| Is-Sa Rohasia Zammit | Kunsilliera |
| Is-Sur Darren Mark Debono | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A):**

Is-Sur Johann Borg — Kunsillier

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Dr Alessia Psaila Zammit | Contracts Manager |
| Is-Sa Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill |
| Dr Alexander Borg Galea | Konsulent Ambjentali tal-Kunsill |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

## 15.01 Qari tal-ittri t'apoloġija

**15.01.01** Il-Kunsillier Johann Borg talab, permezz ta' messaġġ lis-Sindku Scott Camilleri, sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti ladarba dan jibgħat ittra t'apoloġija formali sal-għada tas-seduta.

## 15.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 14)

**15.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 14.

**15.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Karel Zahra, u sekondat mill-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-minuti ta' seduta 14 ġew approvati unanimament.

## 15.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**15.03.01** *75" tv għall-boardroom*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li billi t-tv tal-boardroom ma baqax jiffunzjona, inġabru 3 kwotazzjonijiet għal 1 ġdid. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1,090. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.02** *Installazzjoni ta' 2 CCTVs ħdejn iż-żona ta' San Ġorġ*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li hemm il-bżonn ta' 2 CCTVs biex ikun hemm moniteraġġ tal-karozzi li qed jidħlu għax kien qed ikun hemm l-abbużi. Inġabret kwotazzjoni waħda billi diġà għandna kameras oħrajn tal-latrini mingħand l-istess supplier. Il-kwotazzjoni tammonta għal €553.95 għaż-żewġ kameras. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.03** *Provvista u tqegħid ta' conduits ħdejn il-barrier tal-Bajja s-Sabiħa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li fil-Bajja s-Sabiħa hemm ix-xogħlijiet għaddejjin u billi l-kumpanija tat-telekomunikazzjoni qalbu għal fibre optic, meta marru biex ineħħu l-wires l-antiki kien hemm xi problemi u xi wħud minnhom tgħattew bil-konkos. Inġabret kwotazzjoni waħda mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill u ntgħażlet l-irħas għażla, li tammonta għal €1,600. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.04** *Xiri ta' podium*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li billi l-Kunsill qed jorganizza diversi attivitajiet mhuwiex worth it li jinkera podium kull darba, għalhekk inġabru 3 kwotazzjonijiet. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €2,360. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.05** *Attività ċelebrazzjoni tal-lokal*: Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Mejju, se ssir attività biex jiġu ċċelebrati s-suċċessi tal-għaqdiet. Inġabru 3 kwotazzjonijiet, fejn l-orħos waħda kienet dik A, li tammonta għal €2,110.40. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.06** *Kordinazzjoni u loġistika - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-kordinazzjoni u loġistika ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €5,664. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.07** *Stage u banners - Festa Bengħajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal stage u banners ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,156.40. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.08** *Kantant - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal kantant ta' Festa Benghajsa. Din tammonta għal €750. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.09** *Għana - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għall-għana f'Festa Benghajsa. Din tammonta għal €350. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.10** *Rosettes - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal rosettes biex jiġu preżentati f'Festa Benghajsa. Din tammonta għal €354. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.11** *Bankarelli - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal bankarelli f'Festa Benghajsa. Din tammonta għal €620. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.12** *35 seater Kalafrana bus - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal Kalafrana bus f'Festa Benghajsa. Din tammonta għal €800. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.13** *Imwejjed u siġġijiet - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-imwejjed u siġġijiet f'Festa Benghajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €845. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.14** *Fotografija - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-fotografija f'Festa Benghajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €354. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.15** *Generator - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal generator f'Festa Benghajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €354. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.16** *Servizz ta' ambulanza - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal servizz ta' ambulanza f'Festa Benghajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €269. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.17** *Fjuri - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal fjuri f'Festa Benghajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €141.60. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.18** *Filming u editing - Festa Benghajsa*: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għall-filming u editing f'Festa Benghajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €377.60. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.19** _Sound - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għas-sound f'Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €750. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.20** _Tined - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal tined f'Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik A, li tammonta għal €1,770. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.21** _Preżentatur - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal preżentatur f'Festa Bengħajsa. Din tammonta għal €400. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.22** _Polo shirts - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal polo shirts ta' Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik Ċ, li tammonta għal €504.45. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.23** _Palji - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabru 3 kwotazzjonijiet għal palji f'Festa Bengħajsa. L-orħos kwotazzjoni kienet dik B, li tammonta għal €1,345.20. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.24** _Re-enactment - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għal re-enactment tat-Tieni Gwerra Dinjija f'Festa Bengħajsa. Din tammonta għal €1,650. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.25** _Baned - Festa Bengħajsa_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni waħda miż-żewġ baned għal Festa Bengħajsa. Din tammonta għal €1,900 għal kull banda. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-kwotazzjonijiet.

**15.03.26** _8 swivel bollards_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li fis-seduta preċedenti ġie maqbul li jinxtraw 10 bollards għax-xatt. Wara li nġabru 3 kwotazzjonijiet u proċessajna l-purchase order, l-orħos supplier spiċċawlu l-bollards, għalhekk morna għat-tieni l-orħos. Il-kwotazzjoni tammonta għal €1,283.84. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din il-kwotazzjoni.

**15.03.27** _Blokka tal-konkos għall-arblu tar-roundabout ta' San Ġorġ_: Is-Sindku Scott Camilleri semma li nġabret kwotazzjoni għall-blokka tal-konkos sabiex jitwaħħal l-arblu fir-roundabout ta' San Ġorġ, inkluż it-tindif u r-rimi. Il-kwotazzjoni tammonta għal €3,313. Ġie deċiż li din tibqa' on hold sabiex jinġabru 2 kwotazzjonijiet oħra. Wara li jinġabru ż-żewġ kwotazzjonijiet l-oħra se tiġi ċċirkulata email mal-kunsilliera kollha. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

## 15.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**15.04.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li tkellem mal-bejjiegħa tal-monti, fejn dawn qed jilmentaw li l-bejgħ naqsilhom b'mod drastiku u wħud minnhom qed jipproponu li jinżlu fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti ġie deċiż li għandhom ikunu huma l-bejjiegħa li javviċinaw il-Kunsill b'post alternattiv, u wara l-Kunsill jiddeċiedi jekk jaċċettax fejn ikun propost.

**15.04.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-jum ta' qabel saret laqgħa tal-festa mal-pulizija, l-għaqdiet tal-banda, u rappreżentanti mill-knisja. Semma li se ssir laqgħa oħra iktar viċin id-data tal-festa. Se jitħabbar li s-sistema tal-permessi se tkun disponibbli kemm online kif ukoll bil-karti u mis-sena d-dieħla se tkun online biss.

**15.04.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-weekend li għadda saru l-Island Games fejn il-lokalità ta' Birżebbuġa ġiet esposta internazzjonalment. Huwa rringrazzja lil kulħadd ta' kif mexa l-kordinament mal-organizzaturi ta' din l-attività. Semma wkoll li s-sena d-dieħla se terġa' ssir din l-attività. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat intervjena billi semma li minn din l-attività l-Kunsill ma daħħal l-ebda dħul finanzjarju, għalhekk issuġġerixxa li s-sena d-dieħla tintalab donazzjoni għal-lokalità. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment.

**15.04.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li saret laqgħa mal-iżviluppatur fiż-żona tal-Qajjenza, fejn ġie kkonfermat li se tinbena dar tal-anzjani, bil-possibbiltà li tinbena wkoll ring road jekk jingħata l-permess meħtieġ għaliha. Semma wkoll li dik il-ġimgħa stess iltaqgħu mal-Enemalta, li għandhom il-parti tan-nofs, sabiex jagħmluhom uffiċini ħalli b'hekk il-head office tagħhom jimxi għall-Qajjenza. Ix-xogħol aktarx se jibda mis-sena d-dieħla. Is-Sindku Scott Camilleri qal ukoll li t-tinda tal-konkos se tibqa' kif inhi u li milli jidher se jsir ftehim ma' Project Green ta' manutenzjoni fejn jidħlu landscaping u alterazzjonijiet relatati magħha.

**15.04.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li ltaqa' mas-Sur Norman Zammit, li huwa l-enġinier tal-Enemalta, fuq l-impjant tal-31 ta' Marzu rigward it-talba li saret mill-Kunsill sabiex ikun hemm lok ta' parkeġġ ġewwa, iżda d-daħliet prinċipali huma fi stat deterjoranti ħafna. Semma wkoll li bħalissa għaddej survey min-naħa ta' SCH billi jaqgħu taħt l-industrial heritage u qed issir ukoll analiżi biex jaraw liem huma dawk it-tankijiet li jridu jitwaqqgħu u jinħattu minn hemmhekk. Spjega li s-sit bħalissa huwa ta' periklu kbir u jridu jsiru ħafna xogħlijiet biex tingħalaq iż-żona u jkun hemm aċċess aktar sikur, għalhekk li jinfetaħ bħala parkeġġ mhijiex għażla għalissa sakemm isiru x-xogħlijiet meħtieġa.

**15.04.06** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar li nhar il-Ġimgħa se tkun qed issir iċ-ċelebrazzjoni lokali ta' suċċessi mill-għaqdiet u individwi. Din l-attività se tibda fis-7pm u tiġi fi tmiemha għall-ħabta tal-10pm.

**15.04.07** Is-Sindku Scott Camilleri fakkar ukoll li nhar is-Sibt, 17 ta' Mejju, se tittella' l-autofest, organizzata mill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen. Fuq talba tagħhom, il-Kunsill se jkun qed jikkollabora billi jissupplixxi mobile toilets kif ukoll dawl minn fejn il-car park. Din il-wirja tal-karozzi se ssir fil-parkeġġ ta' Wied il-Buni u se tingħata bidu għall-ħabta tal-5pm.

**15.04.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li nhar il-Ħadd, 18 ta' Mejju, se ssir l-attività Festa Bengħajsa, fejn il-programm huwa wieħed kulturali u storiku. Se jingħata bidu għal din l-attività għall-ħabta tad-9am bit-tberik tal-annimali u l-banda. Wara se ssir wirja statika ta' vettura minn żmien it-Tieni Gwerra Dinjija minn resident lokali. Din l-attività hija mistennija li tiġi fi tmiemha għall-ħabta tat-3pm.

**15.04.09** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rigward it-tender tal-car park se jkun hemm laqgħa nhar l-Erbgħa, 21 ta' Mejju. Semma wkoll li nbeda l-proċess mad-dipartiment minħabba l-bye-law. Iktar 'il quddiem se jingħata aġġornament mis-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat dwar dan.

**15.04.10** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsillier Alex Caruana kellu laqgħa mal-perit il-ġdida u talbu sabiex jagħti aġġornament dwar din il-laqgħa. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li l-ewwel proġett li ntalbet tassistina fih huwa dak tal-promenade tal-Qajjenza. Spjega li qed nistennew kwotazzjoni aġġornata mingħandha billi hemm 2 sistemi ta' galvanizzar ta' ħadid. Rigward il-U-bar li kienet saret isfel, u li kienet saret bi żball, issa din se tiġi eliminata u se ssir flat bar mar-railing oriġinali u t-toqob se jingħalqu kollha. Semma li t-turġien li hemm bla madum se jsiru wkoll. Innutaw ukoll li hemm biċċa qed jaqa' l-konkoks minn taħtha meta niżlu isfel, però billi mhijiex imsemmija fil-pjan ġiet miżjuda fil-kwotazzjonijiet min-naħa tal-perit. Semma wkoll li rigward is-sleeping police nistgħu nagħmlu biss fejn ma jiġux affettwati t-toroq bħalissa.

**15.04.11** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fis-seduti preċedenti kien issemma l-immaniġġjar tal-Bajja s-Sabiħa għax hemm numru ta' problemi li jridu jiġu indirizzati mill-aktar fis. Huwa qal li flimkien mal-Kunsillier Ivan Abela Grech ħejjew rapport fuq l-istrutturi li hemm, fosthom gabbani li m'għandhomx il-permess tal-Kunsill. Hemm waħda fejn l-iskatepark, hemm storage unit ta' kenuri li kellha permess mill-PA iżda mhux mill-Kunsill, però dan il-permess ilu skadut mill-2018, u hemm gabbana oħra f'Wied il-Buni bla permess ukoll. Ġie deċiż li jitwaqqaf il-proċess tal-iżgombru u jiġu regolarizzati. Wara jiġu identifikati u jħallsu l-permessi. Se tinħareġ ukoll ittra uffiċjali mill-Kunsill bir-regoli. Il-Kunsillier Alex Caruana flimkien mal-Kunsillier Karel Zahra se jaħdmu fuq din il-mozzjoni. Is-Sindku Scott Camilleri talab li sal-ġimgħa d-dieħla jrid ikollu l-ewwel draft.

*Hawnhekk il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea ppparteċipa online.*

**15.04.12** Il-Konsulent Ambjentali Dr Alexander Borg Galea tkellem dwar PA3607/23 u PA 689/25, rigward il-proġett tas-SICCA. Huwa spjega li fl-2021 il-ministeru responsabbli beda l-proċess tad-decommissioning ta' dan l-impjant u llum dan is-sit m'għadux jintuża bħala storage għall-heavy fuel oil. Semma li dan il-proġett se jkun qed jestendi 18,000 metru kwadru u l-ispiża tiegħu hija stmata €40 miljun. 7% taż-żona se tkun allokata għall-industrija u l-manifattura, filwaqt li 50% taż-żona se tintuża għall-kummerċ u rikreazzjoni. Il-bajja se tingħata lura lill-pubbliku però d-dettalji għadhom mhux maħruġa. Qal ukoll li 70% tal-enerġija waqt li l-binja tkun qed topera se jiġu minn sorsi sostenibbli u l-proġett se jservi bħala post għar-riċerka u innovazzjoni għall-industriji bħall-akkwakultura, blue economy u circular economy. Se jkollu wkoll spazji miftuħa għal start-ups, servizzi u riżorsi għall-imprendituri fil-qasam ta' sostenibbiltà u innovazzjoni, ċentri ta' inkubazzjoni, etċ. Dan il-proġett se jkun iffinanzjat minn Project Green.

## 15.05 Mistoqsijiet mill-kunsilliera

**15.05.01** Il-Kunsillier Alex Caruana ressaq mistoqsija dwar gabbana fil-Bajja s-Sabiħa. Huwa qal li ġie infurmat li xi ġranet ilu twaħħlet sticker safra min-naħa tal-Kunsill biex sid il-gabbana li tinsab fil-Bajja s-Sabiħa jneħħiha fi żmien 8 ijiem. Huwa xtaq ikun jaf għala u jekk kienx hemm iktar gabbani li twaħħlulhom bħal din l-isticker. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li din ġiet diskussa iktar qabel fil-laqgħa.

**15.05.02** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar Ġnien l-Indipendenza. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jagħti aġġornament dwar l-affarijiet pendenti fi Ġnien l-Indipendenza, fosthom il-kameras u x-xogħol fuq il-funtana. Barra minn hekk, xtaq ikun jaf ukoll min hu responsabbli għall-manutenzjoni (speċjalment il-bankina u l-inspection boxes) u jekk il-Kunsill jistax jgħin sabiex din issir. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li l-kameras huma fil-proċess minn Project Green u attwalment għaddej xogħol fuq main ġdid biex jissupplixxi separatament il-funtana ħalli l-pompa tiġi maqtugħa għaliha.

**15.05.03** Il-Kunsillier Karel Zahra ressaq mistoqsija dwar sentenza tal-qorti fuq inċident li seħħ f'raħal ieħor. Huwa xtaq ikun jaf jekk il-Kunsill jistax jgħarrafna dwar il-proċess ta' kif il-Kunsill qed jiġbor u jżomm informazzjoni dwar l-istat tat-toroq u rapporti fuq il-manutenzjoni sabiex jiġu evitati l-inċidenti. Is-Sindku Scott Camilleri wieġeb li attwalment kull ilment li jidħol qed jgħaddi dirett lil min hu inkarigat, jiġifieri kuntratturi, entitajiet u kunsilliera.

## 15.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**15.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta r-rapport ta' xogħlijiet mill-contracts manager għax-xahar ta' April 2025 u kif ukoll ingħata aġġornament dwar diversi tenders u kuntratti li qed isir il-proċess tagħhom.

**15.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li skont il-ftehim kollettiv il-ġdid, il-Kunsill kellu jagħti l-arretrati lill-ħaddiema klerikali, inkluż dawk li ma baqgħux jokkupaw il-kariga mal-istess Kunsill. Dawn kienu marbuta mas-2024 u bidu tal-2025.

**15.06.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat preżenta l-lista ta' assi li hemm bżonn jiġu mneħħija minn fuq il-kotba tal-Kunsill. Wara li ġew verifikati, ġie maqbul li dawn jiġu mneħħija mil-lista peress li kienu ġew imwarrba billi ma baqgħux jiffunzjonaw. Il-kunsillera preżenti qablu li dan jintrema.

## 15.07 Korrispondenza

**15.07.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza rigward in-nota li tħalliet mill-Kunsill sabiex jitressaq id-disabled parking bay fi Triq Sant'Anġlu. Il-Kunsill ġie avviċinat sabiex din ma titneħħiex kif ukoll irċivejna korrispondenza min-naħa tas-CRPD għax ma qablux mal-mod ta' kif saret in-nota. Ġie deċiż li din il-parking bay se tibqa' kif inhi u mhijiex se titneħħa. Il-kunsilliera preżenti qablu biex din tibqa' hemm.

**15.07.02** Is-Sindku Scott Camilleri semma li min-naħa tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħmel dikjarazzjoni fejn jgħid li jaqbel li Triq Birżebbuġa tibda minn fejn l-għassa sal-latrina ta' San Ġorġ. Fuq din kien hemm qbil unanimu. Rigward Triq Tax-Xerriek se ssir mozzjoni fuq l-applikazzjoni. Ġie deċiż li l-Kunsill jieħu parir mill-Għaqda Storja u Kultura ħalli għas-seduta li jmiss tilħaq tiġi preparata l-mozzjoni. Semma wkoll li dwar il-proposta fuq is-sewda u l-ħamra kien hemm qbil unanimu. Fuq il-blu u l-vjola, il-Kunsill se jiddiskutiha iktar fid-dettall. Il-kunsilliera preżenti qablu li l-ewwel jitkellmu mal-għaqda. Il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq ġie mgħarraf fuq talba ta' residenti li joqogħdu f'żewġt idjar ġewwa Triq it-22 ta' Frar li dawn

ma ngħatawx numri peress li hemm għalqa kbira tifred żewġ partijiet ta' din it-triq bl-istess isem. Għalhekk il-Kumitat talab l-opinjoni tal-Kunsill sabiex dawn ir-residenti jiġu moqdijin, fejn il-Kunsill irid jagħżel li jew tissemma l-parti ż-żgħira b'isem ieħor, jew jitwaħħlu tabelli li jindikaw aċċess ieħor (minn Triq in-Narċis u Triq Tal-Papa) skont in-numri tal-bibien fi Triq it-22 ta' Frar u b'hekk tkun tista' tiġi numerata t-triq kollha. Il-kunsilliera preżenti qablu mat-tieni għażla; dik li jitwaħħlu tabelli li jindikaw aċċess ieħor.

**15.07.03** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna talba għal kiosk, però għalissa m'hemmx risposta billi l-Kunsill qiegħed fil-proċess li jimplimenta sistema ġdida. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**15.07.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet talba mingħand persuna sabiex jerġa' jibda jinżel ibigħ il-kafè fil-Bajja s-Sabiħa bir-rota bħalma kien inħariġlu permess is-sena l-oħra. Il-kunsilliera preżenti qablu li jerġa' jinħariġlu l-permess bl-istess prezz ta' €6.99 kuljum u bil-kundizzjonijiet li kien ingħata.

**15.07.05** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet talba minn Festivals Malta sabiex fil-weekend ta' bejn il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu u l-Ħadd, 24 ta' Awwissu jsir il-karnival tas-sajf. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li ċċekkja kemm kienet l-ispiża tal-aħħar edizzjoni tal-karnival tas-sajf tal-2023. Dan kien sewa mill-fondi tal-Kunsill €18,692. Wara diskussjoni bejn il-kunsilliera preżenti, fejn dawn anke raw l-ammont ta' xogħol li jkun hemm, is-sitwazzjoni tat-toroq fil-lokal u l-ispejjeż, ġie deċiż li dis-sena l-karnival tas-sajf ma jsirx f'Birżebbuġa. Fuq dan kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera kollha.

**15.07.06** Is-Sindku Scott Camilleri semma li daħlet korrispondenza rigward il-miżura tal-budget dwar is-saħħa mentali, fejn ir-residenti jiġu offruti kors speċifiku li jipprovdi tagħrif lill-parteċipanti dwar kif jistgħu jgħinu lil persuni li jkunu għaddejjin minn diffikultajiet ta' saħħa mentali. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat intervjena billi qal li għadda l-email lill-Kunsillier Johann Borg, li huwa responsabbli minn dan id-dekasteru, iżda baqa' bla risposta. Is-Sindku Scott Camilleri qal li se jitkellem mal-kunsillier inkarigat l-għada filgħodu.

**15.07.07** Is-Sindku Scott Camilleri semma li rċivejna petizzjoni minn 50 resident li ma jaqblux li Triq Tal-Papa ssir one-way u qed jitolbu lill-Kunsill sabiex isib alternattiva oħra. Ġie deċiż li l-Kunsill jitkellem mal-perit sabiex tintbagħat proposta lil TM biex naraw jekk jaċċettawx u x'inhi l-proċedura fejn jidħlu traffic lights. Il-Kunsillier Alex Caruana għandu jitkellem mal-perit. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**15.07.08** Is-Sindku Scott Camilleri semma li l-Kunsill irċieva talba mingħand il-Viċi President ta' Birżebbuġa St Peter's fejn dawn jixtiequ permess li titneħħa l-container room li tinsab faċċata tal-lukanda u tinbidel fi struttura moderna bl-ispeċifikazzjonijiet li jipprovdilhom il-Kunsill. Huwa tal-opinjoni li l-container il-ġdid isir baxx u mhux tal-ħadid, li jkun speċi ta' mobile office temporanju bħalma nsibu f'siti ta' kostruzzjoni kif ukoll iridu jibagħtu visual ta' kif dan se jiġi jidher. Il-kunsilliera preżenti qablu ma' din id-deċiżjoni.

**15.07.09** Il-Kunsillier Karel Zahra semma li SEM Malta qed joffru inċentiv finanzjarju għal Town Twinning. Semma li jekk din se ssir u nafu lil xi ħadd, aħna rridu ngħidu lill-parti l-oħra sabiex japplikaw għall-istess fond. Din irid ikollha ċerti temi kulturali u soċjali. L-

ammont li l-Kunsill jiġi rimborżat jiddependi fuq in-numru ta' parteċipanti. Is-Sindku Scott Camilleri intervjena billi qal li filwaqt li jaqbel magħha, din is-sena naqbżuha ħalli nagħlqu l-iskemi li hemm miftuħin bħalissa. Ġie deċiż li għalissa se jaħsbu ftit fuqha u fil-każ napplikaw għaliha s-sena d-dieħla.

**15.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet**

**15.08.01** Xejn.

**15.09 Proġetti, Attivitajiet u Skemi**

**15.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri talab lill-Kunsillier Karel Zahra jagħti aġġornament dwar l-iskemi:

1. *SPI/SCI/2/2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026*
   - L-applikazzjoni lesta u se tintbagħat din il-ġimgħa. Il-Kunsill Lokali qabel li tkun bħal ta' din is-sena. Fid-diskussjoni ssemmiet id-data tas-26 t'April 2026, iżda se jkun hemm diskussjoni fuqha iktar 'il quddiem.
2. *SPI/SCI/4/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025*
   - L-applikazzjoni lesta u se tintbagħat il-ġimgħa d-dieħla. Id-data tal-għeluq hija 27 ta' Mejju 2025. Għal din l-attività se jkun hemm kunċert, id-dwal u l-presepju.
3. *SPI/SCI/5/2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026*
   - L-attività se tinħadem flimkien mal-iskola u se ssir il-Ġimgħa filgħodu, 13 ta' Frar 2026, fejn se jkun hemm il-maskaruni u festin għat-tfal bis-sehem tal-banda.
4. *SPI/SCI/6/2025 – Espressjoni ta' Interess – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali*
   - Il-Kunsill Lokali ħa d-deċiżjoni li napplikaw fuq l-iskatepark. Għal din l-iskema hemm bżonn BOQ, li għad trid tinħadem, u pjanta (għandna). Ir-rata tal-kuntrattur trid tinkludi t-tneħħija tal-injam u jingħata l-konkos biex jimla l-ispazju li hemm; 5 pulzieri konkos dawramejt.

**15.10 Estimi finanzjarji aġġornati 2025**

*Hawnhekk is-Sa Doreen Mintoff ipparteċipat online.*

**15.10.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sa Doreen Mintoff qalet li meta nħadem il-budget kienet għadha ma ħarġitx l-allokazzjoni għas-sena 2025. Għaldaqstant kellha ssir reviżjoni tal-budget. L-allokazzjoni għas-sena 2025 hija inqas mis-sena l-oħra, iżda naqsu wkoll l-ispejjeż tal-ġbir ta' skart u tipping fees. Hija tat spjegazzjoni tal-figuri l-ġodda.

**15.10.02** Dawn l-estimi finanzjarji aġġornati għas-sena 2025 ġew approvati unanimament mill-kunsilliera preżenti.

## 15.11 Bye-laws

*Hawnhekk ingħaqdet il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit.*

**15.11.01** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar il-bye-law tax-xorb alkoħoliku f'kontenituri tal-ħġieġ. Qal li rridu nżidu li l-ebda persuna m'għandha permess tikkonsma alkoħol fit-toroq u postijiet pubbliċi jekk ma tkunx attività organizzata mill-Kunsill Lokali. Ġie suġġerit li ssir laqgħa ma' persuna inkarigata fuq il-liġi. Huwa talab lill-Kunsillier Ivan Abela Grech sabiex jagħmel laqgħa u jikkordina abbozz.

**15.11.02** Il-contracts manager Dr Alessia Psaila Zammit semmiet li rigward il-bye-law tal-car park, is-Sur Adrian Mifsud, li jieħu ħsieb it-tenders, għamel it-traduzzjoni tal-verżjoni bl-Ingliż għall-Malti. Spjegat li s-Sur Mifsud fassal dan id-dokument b'ħafna dettall, però bħala Data Protection Officer is-Sur Mifsud bagħat ukoll lill-uffiċċju tal-kummissarju tad-data għaliex minħabba l-whitelist tidħol id-data protection peress li l-Kunsill se jżomm id-data personali tan-nies sabiex jingħata gwida ta' x'tip ta' sistema jrid jimplimenta l-Kunsill biex iżomm din l-informazzjoni. Wara rridu mmorru l-Ministeru tal-Ekonomija sabiex jaraw jekk din hix se taffettwa l-komunità kummerċjali u wara jkun imiss li nippreżentawha lid-Diviżjoni. F'dan l-istadju għadna qed nistennew gwida mill-uffiċċju tal-kummissarju.

## 15.12 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**15.12.01** Is-Sindku Scott Camilleri rrimarka li għandu kunflitt t'interess f'pagament numru 18.

*Petty cash:*

**15.12.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Ivan Abela Grech, u sekondat mill-Kunsillier Darren Mark Debono, il-kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 15.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**15.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2025, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2025.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |